# Magistrat
# Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Pio Pisani**
**V**

**TONIO SCHEMBRI**

**Illum, 3 ta' Gunju, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **TONIO SCHEMBRI** ta' sitta w tletin sena, bin Gaetano u Lucy nee Farrugia, imwieled l-Kanada nhar l-ewwel ta' April, 1964 u joqghod "Bonnici Flats", Flat 2, Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 054394M gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u cioe f'San Pawl il-Bahar nhar d-dsatax ta' Awissu, 2000 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe attentat ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Vincent Camilleri, niggez lil istess Vincent Camilleri bi strument li jaqta u cioe furketta u dan kif iccertifika Dottor M. Debono, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni

tad-delitt u talli fl-istess post hin data u cirkostanzi voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali esibit fl-atti a fol 4 datat wiehed u ghoxrin ta' Awissu, 2002 sabiex in il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarju kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Awissu, 2000 inserit fl-atti a fol 6 tal-process.

Semghet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi **l-Ispettur Pio Pisani xehed nhar l-ewwel ta' Settembru, 2000** fejn stqarr li fid-dsatax ta' Awissu, 2000 il-Pulizija tal-Qawra kienu gew infurmati minn Graziella Camilleri u l-imputat li waqt li

kienu go darhom, habbat il-bieb u meta fethu sabu li kien gie missier Graziella, certu Vincent Camilleri.  Dan Vincent camilleri allegatament qabad lil imputat minn ghonqu, sabbtu mal-art u ried jiehu lil bintu Graziella mieghu.  Appena tfaccat Graziella, dan Vincent Camilleri taha daqqa ta' ponn u qasmilha xofftejha.  Dak il-hin l-imputat qabad furketta mill-kcina u niggez lil Vincent Camilleri f'daru biha u qallu biex johrog 'l barra.  Vincent Camilleri qaghad wara l-bieb taghha u b'hekk l-imputat ma setghax imur jaghmel rapport.  Sussegwentement l-imputat qabad sikkina u beda jhedded lil Vincent Camilleri biha.  Meta ra hekk Vincent Camilleri telaq u l-imputat flimkien ma Graziella marru jaghmlu rapport.

Illi l-Ufficjal Prosekutur esibixxa certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor M. Debono li jinsab esibit f'dawn l-atti bhala dokument CSH 2 a fol 15, li jiddeskrivi l-feriti li kellu Vincent Camilleri u certifikat mediku iehor li jinsab inserit f'dawn l-atti a fol 26 markat bhala dokument CSH 4 li jindika l-feriti subiti minn Graziella Camilleri.

**Vincent Camilleri xehed nhar l-ewwel ta' Settembru, 2000** fejn qal li kien ilu ma jara lil bintu Graziella ghal xi erbgha jew hames xhur ghax kienet tghix mal-imputat f'San Pawl il-Bahar.

Ix-xhud qal li dakinhar tal-incident huwa kien ghaddej minn San Pawl il-Bahar, ra l-vettura tal-imputat, nizel mill-vettura tieghu u habbat l-bieb tar-residenza tal-imputat.  Appena fetah il-bieb, l-imputat allegatament qabdu minn griezmu w imbuttah mal-art.  Huwa mar fuq bintu u qalilha "hekk tistmahni, wara li rabbejtek!".  Ex admissis jghid li "fid-daghdija li kelli jiena tajtha daqqa lil binti u f'daqqa w l-hin gie l-imputat minn wara b'furketta".  Meta ra d-demm telaq 'l barra.  L-imputat hareg sikkina u beda jxejjer biha.  Huwa mar jaghmel rapport l-Ghassa u mar jaghmel certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor M. Debono li huwa esibit f'dawn l-atti markat bhala dokument CSH 2 a fol 15, li jiddeskrivi l-feriti bhala zewg *stab wounds* superficjali.

**Doreen Camilleri xehdet wkoll nhar l-ewwel ta' Settembru, 2000** fejn stqarret li dakinhar tal-incident u cioe d-dsatax ta' Awissu, 2001 hija u zewgha marru jfittxu lil binthom Graziella.  Hija qaghdet

tistenna barra, waqt li zewgha dahal fl-appartamenti u xi hin wara ratu hiereg b'xi ferita fuq dahru. Qalet wkoll li rat lil imputat johrog sikkina u jxejjirlu lil zewgha.

**Graziella Camilleri xehed wkoll nhar l-ewwel ta' Settembru, 2000** fejn stqarret li hija tghix mal-imptuat wara li l-genituri taghha kienu keccewha mid-dar. Dwar l-incident spjiegat li meta gie missierha Vincent Camilleri d-dar u l-imputat fetahlu l-bieb, missierha qabad jaghti lil imputat u gew fl-idejn. Wara missierha taha daqqa ta' ponn fuq xofftejha. Hija kkonfermat li c-certifikat mediku esibit markat bhala dokument CSH 4 a fol 26 tal-atti rilaxxjat minn Doctor N. Caruana, huwa taghha. L-istess tabib sab li hija kellha lacerazzjoni fuq x-xoffa ta' fuq tan-naha tax-xellug. Hija qalet li stordiet u waqghet mal-art u missierha telaq. Qalet li l-imputat hareg warajh b'sikkina f'idejh jxejjiriha. Ix-xhud qalet wkoll li missierha beda jghajjar lil imputat.

**L-imputat rrilaxxja stqarrija nhar l-ghoxrin ta' Awissu, 2000** li tinsab esibita fl-att a fol 16 markata bhala dokument CSH 3 fejn stqarr li kif fetah il-bieb ta' barra sab lil Vincent Camilleri jghajjru

"purcinell", jghajjat u wara qabdu minn ghonqu u sabbtu mal-art. Wara Vincent Camilleri dar fuq bintu Graziella u taha daqqa ta' ponn fuq wiccha. Sadanitant missierha telaq. Qal li qam mill-art u mar fil-kcina, qabad furketta sabiex jiddefendi lil Graziella u niggez lil missierha u beda jordnalu biex jitlaq 'l barra. Fil-pront mar hdejn Graziella, ra li kellha d-demm f'halqha u gabar sikkina mill-kcina u hargu jghamlu rapport. Huwa stqarr li kien imbezzgha minn missierha.

**L-imputat xehed viva voce l-Qorti nhar s-sitta ta' Dicembru, 2000** minn jeddu u b'mod voluntarju fejn kkonferma dak li kien qal fl-istqarrija tieghu u ghamel referenza wkoll ghac-certifikat dokument PP 1 rilaxxjat minn Doctor C. Pace dakinhar tad-dsatax ta' Awissu, 2000 ftit wara l-incident u ddeskriva d-daqqiet u feriti li kellu l-imputat.

**Xehed ukoll PS 455 Emanuel Sammut nhar l-ewwel ta' Novembru, 2000** fejn kkonferma r-rapport maghmul minn Graziella Camilleri dakinhar tal-incident u cioe d-dsatax ta' Awissu, 2000, ftit wara li sehh (vide dokument PP a fol 36 tal-atti odjerni).

Illi mill-provi prodotti ma hemmx dubbju li l-incident sehh waqt li l-imputat kien go daru ma Graziella Camilleri u Vincent Camilleri gie f'darhom, beda jghajjar lil imputat b'daghdija kbira u ta daqqa ta' ponn lil bintu Graziella u hebb ghal imputat kif del resto jirrizulta mic-certifikati medici.  Vincent Camilleri jghid li gie aggredit l-ewwel pero mic-certifikat mediiku esibit minnu jirrizulta li kellu biss zewg *stab wounds* li l-imputat ammetta li kien hu li kkagunhom b'furketta sabiex jiddefendi lil Graziella u lilu nnifsu.

Illi l-Avukat Difensur qajjem bhala eccezzjoni dik ta' legittima difesa kif kontemplata fl-artikolu 223 u 224(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti thoss li ghandu jigi ri1evat f'dan l-istadju li d-dritt ta' legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamanetali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke b1-uzu ta' forza.  Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w

inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur jigifieri hsara ta' offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. Kif gie tenut fis-sentenza **Il-Pulizija v Joseph Psaila** moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fl-ghoxrin ta' Jannar, 1995,*** l-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel ghamlu stante li l-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun imminenti, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dak jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun wkoll assolut cioe li f'dak il-mument li kien qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Hawnhekk ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-usu tal-forza.

Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo:**

"*The danger against which the accused reacted should be veiwed not necessarily as it was in thruth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.* "

Wiehed ghalhekk irid jpoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak l-mod fic-cirkostanzi kif hassu dak il-hin u mument u cioe mbezzgha, panikuz u l-hsieb tieghu li ser jigi aggredit meta huma ma setghax jiddefendi lilu nnifsu f'dan il-kaz minhabba l-feriti subiti f'idejh. Fil-fatt l-**Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale (pt. generale - pg. 261)*** jghid *"il pericolo attuale e' l pericolo presente.* "

Issa fil-kamp kriminali huwa l-oneru ta1-Prosekuzzjoni li tipprova l-akkuzi taghha kontra l-imputat *beyond a reasonable doubt* filwaqt li minn naha l-ohra, d-difiza, imsahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-imputat, tista tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bazi jew/u bilanc ta' probabbilitajiet, jigifieri jekk huwa probabbli li setgha gara dak li gie rrakkontat mill-imputat kif korroborat mix-xhieda l-ohra tad-difiza. Il-Qorti trid tara liema hi l-versjoni l-aktar

vero simili mehuda in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha.

Il-Qorti ghamlet apprezzament tal-provi kollha migbura u tara li l-versjoni tal-fatti kif enuncjati mill-imputat huma aktar kredibbli fic-cirkostanzi meta tara l-konsistenza fix-xhieda tieghu sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni meta gie nterrogat mill-Ufficjali tal-Pulizija u rrilaxxja l-istqarrija esibita f'dawn l-atti a fol 16 markata bhala dokument CSH 3. Jirrizulta li dak kollu li qal l-imputat huwa korroborat bis-shih mix-xhieda ta' Graziella Camilleri u mic-certifikati medici esibiti li jikkontradixxu l-fatti kif esposti mill-allegat vittma Vincent Camilleri.

Il-Qorti thoss li c-cirkostanzi kif sviluppaw, li graw f'hakka t'ghajn, tant li kkrejaw f'mohh l-imputat biza u paniku u oppressjoni ta' perikolu tali, li nholoq stat fejn haseb li jekk ma jiddefendix ruhu u lil Graziella Camilleri kien ser jigi ferut molto piu meta tqis li l-persuna tieghu hija hafna izghar minn dik tal-aggresur tieghu Vincent Camilleri.

Il-Qorti thoss li l-imputat kien dejjem konsistenti fil-versjoni tal-fatti ta' kif gara l-incident sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe meta gie mitkellem mill-Ufficjal Prosekutur u reggha rrepeta l-istess versjoni fl-istatement u ghal darb'ohra viva voce l-Qorti. Din x-xhieda tieghu hija korroborata minn Graziella Camilleri kemm viva voce l-Qorti kif wkoll mir-rapport li ghamlet lil Pulizija dakinhar stess tal-incident, ftit wara li sehh.

Il-Qorti thoss li kien Vincent Camilleri li stieden dan l-incident bl-atteggjament negattiv tieghu. Veru li jista jkun li ghandu raguni li jhossu dispjacut li bintu telqet mid-dar u qed tghix ma bniedem mizzewweg w akbar minnha, pero dan ma jiggustifikax li jagixxi bil-mod kif agixxa. **Il-ligi hija hemm sabiex tigi obduta minn kulhadd**.

**Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 223, 224( c), 338(m) u 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li l-imputat kien gustifikat li agixxa b'dak il-mod taht legittima difesa ghalih nnifsu u stante li din il-linja ta' difiza u eccezzjoni qed tigi milqugha, tara ghalhekk li l-imputazzjonijiet**

**kollha kontra l-imputat ma gewx ppruvati sufficjentement u adegwatament skond l-ligi minn naha tal-Prosekuzzjoni u ghalhekk tiddikjara li ma ssibx lil imputat TONIO SCHEMBRI hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**